MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru: 147/2022 LM

**Caroline Muscat**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Ministeru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi li b'digriet tat-23 ta' Ġunju, 2022 saret korrezzjoni li isem il-Ministeru sar il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell magħmul mill-**Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza** [minn issa 'l quddiem 'il-Ministeru appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellata'], mit-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tal-appell tiegħu fil-konfront ta' **Caroline Muscat** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], billi ċaħdu u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju'] tat-23 ta' Lulju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tal-Kummissarju'].

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw rikjesta magħmula lill-Ministeru appellant mill-appellata fis-27 ta' Diċembru, 2020 għal *"[l]ist of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the Ministry or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd, or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/direct order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorizing the respective contract/payment".* Wara li fis-26 ta' Jannar, 2021 il-Ministeru appellant wieġeb li l-informazzjoni rikjesta ma kinitx ser tingħata *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-para. (g) tal-artikolu 14 tal-Kap. 496, speċifikament għaliex *"...document requested is not held by the Public Authority",* l-appellata ressqet ilment minnufih quddiem il-Kummissarju fit-11 ta' Frar, 2021 sabiex jinvestiga il-każ. Il-Kummissarju wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet magħmulin mill-Ministeru appellant in sostenn tad-deċiżjoni tiegħu għal rifjut, iddeċieda kif ġej:

> "On the basis of the foregoing, in terms of article 23(3)(b) of the Act, the Commissioner hereby decides that the Public Authority holds documentation which meets the terms of the request submitted by the applicant and therefore there is no

legal impediment which could hinder the disclosure of the copies of the "payments, including direct orders, entered into between the Ministry or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd, or Saviour Balzan".

Consequently, by virtue of article 12(1)(b) of the Act, the Public Authority is hereby being instructed to provide the applicant with copies of payments made to MediaToday Co Ltd, Mr Saviour Balzan and, or Business 2 Businss Ltd, from 2013 up till the date of the issuance of this decision notice.

The Public Authority shall provide the applicant with access to the documents mentioned in the preceding paragraph by not later than twenty (20) working days from the date of receipt of this decision notice, and inform the Commissioner immediately thereafter".

**<u>Mertu</u>**

3. Il-Ministeru appellant appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"...jogħġbu jħasssar id-deċiżjoni tal-Kummissarju mogħtija fit-23 ta' Lulju, 2021, stante li d-deċiżjoni ma ttieħditx skont il-liġi u li d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Kummissarju ma kinitx korretta, bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

4. L-appellata laqgħet billi ssottomettiet li l-appell interpost kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-Ministeru appellant.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*l-ewwelnett l-Ministeru appellanti huwa awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta li għalhekk bħala awtorità pubblika kif sewwa jikkontendi l-Kummissarju f'para 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, hija titħallas*

*minn fondi pubbliċi u dan iwassal għall-aspettativa li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus għand min u għaliex.*

*It-tieni, li l-artikolu 2 tal-Kap 496 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti tifsira wiesgħa tal-kelma* 'document' *tant li jiddefinixxi dokument bħala:*

"document" means any article that is held by a public authority and on which information has been recorded in whatever form, including electronic data, images, scale models and other visual representations, and audio or video recordings, regardless of whether the information can be read, seen, heard or retrieved with or without the aid of any other article or device;

*U l-verżjoni Maltija tal-istess artikolu tal-Kap 496 tagħmilha ċara li* document *tfisser* *<u>kull oġġett u tispjega li:</u>*

"dokument" tfisser kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma, inklużi data elettronika, immaġni, mudelli skont skala u rappreżentazzjonijiet viżwali oħrajn, u reġistrazzjonijiet awdjo jew vidjow, irrispettivament jekk l-informazzjoni tistax tinqara, tidher, tinstama' jew tinġieb lura bl-għajnuna ta' xi oġġett jew apparat ieħor jew mingħajr din l-għajnuna;

*Li għalhekk il-Kap 496 ma japplikax biss għal dokument uffiċjali ċioé għal dak li l-appellanti jsejjaħlu* recorded *iżda għal kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika li huwa marbut ma' pagamenti li saru lil individwu/kumpannija/kumpanniji rikjesti.*

*Li d-dokumenti rikjesti ma jirriżultawx li huma dokumenti privileġġjati.*

*Li l-argument tal-appellanti li l-eżerċizzju jirrikjedi ħafna ħin u riżorsi u dan ma jaħtix għalih dan it-Tribunal.*

*Li fis-sentenza esebita l-appellanti għamel* highlighted *l-partijiet li skont hu japplikaw għal dan il-każ fosthom li*

"The MoJ says that to carry out the exercise amounts to creating new information and that the purpose of the Act is to allow people to obtain existing information not to require public authorities to undertake research to create new information."

*L-istess sentenza tirrleva li* information held by the public authority *tfisser* the Act if concerned with access to information rather than access to the documents containing the information *u t-Tribunal ċaħad it-talba a bażi ta' spejjeż li l-awtorità pubblika tirrikorri sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju ċioé a bażi tal-artikolu 12 tal-Att li jgħid:*

12(1) Section 1(1) does not oblige a public authority to comply with a request for information if the authority estimates that the cost of complying with the request

would exceed the appropriate limit. *U jispjega li* "appropriate limit" Artiklu 12(3) jfisser "such amount as may be prescribed and different amounts may be prescribed in relation to different cases". *U r-regolamenti (para 54 tas-sentenza jistipulaw li f'każ ta' awtorita pubblika* the appropriate limit is £600; in the case of any other public authority the appropriate limit is £450. *U li* All government departments are included in Part 1 of Schedule 1 so the appropriate limit in the present case is £600.

*Difatti s-sentenza esebita mill-appellanti ddeċidiet kif ġej (para. 64):*

For all the foregoing reasons we find that the information requested by the appellant is held by the MoJ. However we also find that pursuant to Section 12, it is not obliged to comply with the Appellant's request.

*Li għalhekk il-bazi tar-rifjut kien l-ispejjeż involuti u mhux għax l-informazzjoni ma kienitx miġbura fid-*database. *Illi jiġi rilevat li fl-atti ma jirriżultax li l-Ministeru qatt ilmenta li hemm ħafna spejjez involuti sabiex isir dak mitlub mill-appellanti iżda l-ilment tiegħu kien li l-Ministeru ma għandux dik l-informazzjoni għax ma* [sic!] 'the accounting documents are not kept and categorised under the name of companies and individuals as cited by the applicant..."
*Tajjeb jingħad li dan seta' għamel l-istess il-Ministeru appellant tenut kont li l-Avviż Legali 158/2010 jgħid ċar u tond li l-Awtorità pubblika tista' toħroġ kont sabiex tiġbor l-informazzjoni mitluba li ma jeċċedix l-erbgħin ewro (Ewro 40). Haġa li ma għamilx.*

*Argument ieħor tal-appellanti huwa li l-appellanti permezz tas-sentenza ċitata jargumenta wkoll li t-talba magħmula mill-appellanti hija dwar* 'new information' *u mhux informazzjoni li diġà għandhom u tirrigwarda* 'access to information rather than access to the documents containing the information.

*Li t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan kemm għax it-talba saret mhux biss fir-rigward tal-Ministeru iżda wkoll fir-rigward id-dipartimenti kollha li jaqgħu taħtu kif ukoll stante li t-talba hija dwar informazzjoni li diġà għandhom u li jrid ikollhom skont il-liġi tal-awditjar stante li kull sold minfuq kull dipartiment/ministeru jrid jagħti spjegazzjoni għalih. Għalhekk ma jistgħax jingħad li l-informazzjoni mitluba hija informazzjoni ġdida iżda informazzjoni li diġà għandhom iżda li ma ħasbux biex jorganizzawha u ta' dan ma għandhiex taħti l-appellata.*

*Rigward l-ewwel agravju li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tad-29 ta' Lulju 2021 ċioé li d-deċiżjoni mhix motivata, hija qasira u bażata fuq l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan it-Tribunal jirrileva li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, taqbel magħha jew ma taqbilx, hija bbażata fuq il-motivazzjoni mogħtija fil-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Fir-rigward dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell sede Inferjuri per Imħ Sciberras tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Tomlin Company Limited v Jon David Limited liema Qorti ddeċidiet li Qorti mhijiex strettament obligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni trid tkun motivata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġa għal validità tas-sentenza li telabora oltre dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju elenka fil-parti intitolata* Legal analysis and Decision *u a bażi tal-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieħed jista' ma jaqbilx ma' din il-motivazzjoni msemmija f'dawn il-paragrafi iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhix waħda motivata anzi kienet ibbażata fuq l-osservazzjonijiet magħmula f'para 7 sa para 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*It-tieni aggravju tal-Awtorità huwa li l-Kummissarju ddeċieda billi ordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-applikanta* – ultra vires *u* extra petita *ċioé li l-ordni hija sabiex jiġu esebiti l-kuntratti meta t-talba ta' Caroline Muscat hija sabiex jiġu esebita l-lista tal-kuntratti.*

*It-talba tal-appellata hija hekk:*

list of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between Housing Authority [sic!] or any of its departments and Mediatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/director order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorising the respective contract/payment"

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju ordna hekk:*

"Consequently by virtue of article 12(1)(b) of the Act the Public Authority is hereby being instructed to provide the applicant with copies of payments made to Mediatoday Co Ltd, Mr Saviour Balzan and Business 2 Business Ltd in relation to services from 2013 up till the date of the issuance of this decision notice."

*Illi kif dejjem ġie ritenut mil-Qrati tagħna hemm l-'*extra petita' *jew l-'*ultra petita*' meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta jew meta d-deċiżjoni tmur aktar l'hemm mid-domanda jew azzjoni avanzata.." (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell*

*per Prim Imħ Sir Anthony J Mamo deċiża fis-6 ta' Novembru 1961 fl-ismijiet Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici.*

*Illi mit-talba tal-appellata li saret lill-Kummissarju jirriżulta ċar li meta hija talbet lista tal-kuntratti eċċ hija ssostanzjat dan bis-segwenti ċioé* "entered into between the Ministry ... or any of its departments etc". *Li għalhekk it-talba ma kienetx tirrigwarda l-Ministeru biss iżda d-dipartimenti li jagħu taħt l-istess ministeru.*

*Illi mill-atti jirriżulta li l-istess Ministeru ma kellu l-ebda diffikultà li jgħaddi lill-Kummissrju* 'the sample documentation ... wherein the Public authority following the issuance of the information notice wherein the Public authority confirmed that it holds documents in relation to agreements and or payments made to MediaToday Co Limited and Business 2 Business Limited. Confirmed that it holds copies of the documents made in relation to "contracts and/or payments made to MediaToday Co Limited and Business 2 Business Limited." *Li għalhekk dan it-Tribunal ladarba t-talba kienet tirrigwarda mhux biss il-Ministeru iżda wkoll id-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru anke jekk ma għandux tali informazzjoni kellu jitlob lid-dipartimenti li jaqgħu taħtu l-informazzjoni mitluba.*

*Li għalhekk ma għandiex raġun l-appellanti meta f'dan l-aggravju tallega li se mai l-Kummissarju kellu jordnalha tippreżenta l-lista tal-kuntratti eċċ u mhux il-kuntratti per se u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju ma jistgħax jingħad li tmur oltre dak rikjest mill-appellata Caroline Muscat f'dan ir-rigward.*

*Dwar ir-risposta tal-Awtorità* [sic!] *lill-Kummissarju li l-Awtorità* [sic!] *tagħmel referenza għalihom fl-appell tagħha, u li talbet li tirriforma parti minn l-appell tagħha, jingħad li l-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba ċioé d-dokumenti minn dak li hija u dawk id-dipartimenti li jaqgħu taħtha għandhom fis-sistema tagħhom u dan kif jirrikjedi l-artikolu 2 tal-Kap 496 meta jagħti tifsira ta' 'dokument' liema tifsira hija ampja u tirreferi għal kwalunkwe oġġett.*

*Inoltre dan it-Tribunal ma jarax għalfejn s-*sample documentation *mgħoddi lilu ma ġiex mgħoddi wkoll lill-appellata.*

*Inoltre l-ilment tal-Awtorità* [sic!] *fin-nota ġuramentata ppreżentat minn Roderick Livori għan-nom tagħha*[sic!] *li tali information kienet ser twassal lill-awtorità għal użu ta' riżorsi b'mod essenzjali, ma jagħmilx sens kemm għax l-Awtorità ma ssostanzjax dan u kif ukoll għax fl-era tal-*computer *dan it-Tribunal ma jistgħax jifhem kif l-awtorità jekk tagħmel ir-riċerka neċessarja ma tistgħax issib invoices u irċevuti li ħargu lill-Maltatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd jew Saviour Balzan.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*Dwar it-tielet aggravju l-Awtorità* [sic!] *tilmenta li l-Kummissarju naqas li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett meta interpreta t-talba tal-appellanti bħala li tinkludi l-kuntratti per se u mhux lista ta' kuntratti.*

*Dwar dan l-aggravju dan it-Tribunal ma għandu xejn xi jżid ma dak li diġàrrelata fit-tieni agravju ta' dan l-appell u minn imkien ma jirrizulta li l-appellanti qed jiġi ordnat jippreżenta xi dokument jew dokumenti li ma jeżistux iżda pagamenti li għamlet jekk għamlet, lil Maltatoday Co Ltd, Business 2 Business Ltd jew Saviour Balzan.*

*Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*Dan it-Tribunal għalhekk qed jaqta u jiddeciedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li minnha sar dan l-appell".*

## **L-Appell**

6. Il-Ministeru appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Novembru, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirriforma u tbiddel id-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata naqas li jikkunsidra li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet nieqsa mill-motivazzjoni; u (b) fejn id-deċiżjoni tal-Kummissarju għamlet riferiment u ordnat il-produzzjoni ta' dokumenti oltre u differenti minn dawk mitluba, din kienet *ultra petita* u *extra petita;* u (ċ) id-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ġietx eżerċitata korrettement.

7. L-appellata laqgħet permezz tat-tweġiba tagħha tat-19 ta' Diċembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż, filwaqt li stiednet lill-Qorti sabiex tikkunsidra jekk il-Ministeru appellant għandux ibati spejjeż doppji stante li l-imsemmi appell huwa msejjes biss fuq argumenti li kienu tressqu qabel u ġew imwarrba għal kollox.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-Ministeru appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. Il-Ministeru appellant jispjega li <u>l-ewwel aggravju</u> tiegħu huwa li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u huwa saħansitra naqas milli jispjega għaliex il-para. 14(g) tal-Kap. 496 mhuwiex applikabbli fil-każ odjern, mingħajr ma ressaq l-ebda argument fil-liġi u fil-fatt. Hawnhekk huwa jagħmel riferiment għall-paragrafi 8 sa 11 tad-deċiżjoni tiegħu, u għall-fatt li huwa sempliċement għamel riferiment għall-ispirtu u l-iskop tal-liġi msemmija. Il-Ministeru appellant jirrileva li diversi drabi l-Qrati tagħna qalu li huwa neċessarju li fid-deċiżjoni għandu jiġi mfisser ir-raġunament tal-ġudikant, u dan sabiex il-parti telliefa tkun tista' jekk ma taqbilx mad-deċiżjoni, tappella minnha skont il-liġi. Dan filwaqt li huwa jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Jissottometti li madankollu t-Tribunal naqas li jagħti importanza għal dan il-prinċipju, u dan meta jirriżulta b'mod ċar li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma kinitx motivata *ai termini* tal-artikolu 218 tal-Kap. 12.

It-<u>tieni aggravju</u> tiegħu huwa li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tagħmel riferiment u tordna wkoll li jiġu prodotti dokumenti differenti minn dawk li talbet l-appellata, u hawnhekk jinvoka l-prinċipji ta' *ultra petita* u *extra petita.* Jispjega li l-aggravju tiegħu quddiem il-Kummissarju ma kienx dwar kif kellha tinżamm l-informazzjoni fir-rigward tal-pagamenti kif ikkontenda t-Tribunal. Il-Ministeru appellant jissottometti li dak li huwa qiegħed jirrileva huwa li l-lista mitluba mingħandu mhijiex fil-pussess tal-awtorità pubblika, għaliex la kienet teżisti u

lanqas qatt ma kienet saret. In sostenn ta' dan huwa jagħmel riferiment għall-affidavit tas-Segretarju Permanenti. Jissottometti li għalhekk dak li kellu jiġi kkunsidrat mill-Kummissarju u anki mit-Tribunal kien: (a) jekk huwa kellux raġun jgħid li d-dokument ma kienx fil-pussess tiegħu, u għalhekk seta' jiċħad ir-rikjesta *ai termini* tal-para. (g) tal-artikolu 14 tal-Att; u (b) jekk huwa kienx fl-obbligu li jħejji din il-lista minn dik l-informazzjoni li huwa seta' kellu fil-pussess tiegħu. Isostni li b'hekk il-Kummissarju mar *ultra vires* mill-kompetenza tiegħu, għaliex dak li kellu jiddeċiedi kien biss jekk id-dokument mitlub huwiex soġġett għall-eżenzjoni sollevata mill-Ministeru appellant. Huwa jiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 23(4) tal-Kap. 496, u jirrileva li mkien f'din il-liġi ma tingħata s-setgħa lill-Kummissarju sabiex jordna l-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti li ma ġewx mitluba mill-applikant. Jgħid li madankollu jidher li t-Tribunal ma fehmx dan l-argument jew saħansitra warrbu. Ikompli jinsisti li dak mitlub minnu, jiġifieri lista li trid tiġi mħejjija, ma kienx jikkostitwixxi dokument *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 496. Sabiex isaħħaħ ukoll l-argument tiegħu, il-Ministeru appellant jiċċita silta mis-sit elettroniku Ingliż li jservi ta' gwida fir-rigward ta' rikjesti li jistgħu jsiru taħt id-disposizzjonijiet tal-Att relattiv, u jissottometti li huwa kien korrett meta qal li huwa ma kellux id-dokument mitlub, u b'hekk ċaħad it-talba. Iżda minflok it-Tribunal kien saħansitra ssuġġerixxa kif għandhom jinżammu d-dokumenti mill-awtoritajiet pubbliċi. Jammetti li f'każijiet simili li tressqu quddiem il-Kummissarju tal-Informazzjoni ġewwa r-Renju Unit, dan tal-aħħar kien iddeċieda f'ċerti każijiet, li kellha tiġi mħejjija l-lista mitluba, iżda ċertament mhux li jingħataw id-dokumenti nnifishom. Huwa jagħti eżempju ta' każ partikolari deċiż mill-Information Commissioner's Office ġewwa r-Renju Unit, fejn ġiet miċħuda t-talba tal-

applikant stante li l-lista mitluba kienet tikkostitwixxi informazzjoni ġdida. Jgħid li fejn imbagħad ma qabilx mal-awtorità li hija ma kienet fl-ebda dmir li tħejji l-informazzjoni mitluba, iddikjara li l-eżenzjonijiet rigward id-dokumenti sollevati minnha kienu japplikaw ukoll fil-konfront ta' dik l-informazzjoni rikjesta. Bl-istess raġunament, il-Kummissarju hawnhekk kien tenut jordna li titħejja l-informazzjoni mitluba, iżda l-ordni sabiex minflok jgħaddu għand l-appellata id-dokumenti relattivi, kellha l-effett li ċċaħħad lill-Ministeru appellat mid-dritt illi jeżamina jekk id-dokumenti kellhomx jingħataw. Jissottometti li r-regoli dwar l-*ultra petita u l-extra petita* jeżistu sabiex jassiguraw lill-partijiet li huma jistgħu jressqu l-argumenti u d-difiżi tagħhom skont it-talba kif ippreżentata. Il-Ministeru appellant jgħid li mhux ġust li l-eżenzjonijiet li jipprovdi għalihom il-Kap. 496 jitqiesu bħala xi limitazzjonijiet li permezz tagħhom awtorità tista' taħrab mir-responsabbiltà tagħha li tipprovdi l-informazzjoni rikjesta. Jgħid li dawn qegħdin hemm għal raġunijiet validi u importanti bħal dawk ta' saħħa u ta' sigurtà nazzjonali, ta' protezzjoni ta' data ta' terzi u ta' ħarsien ta' privileġġi. Fl-aħħarnett jikkonkludi billi jissottometti li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kostituzzjonali fejn qegħdin jiġu attakkati l-kostituzzjonalità jew il-validità tal-provvedimenti tal-liġi.

Dwar it-tielet aggravju tiegħu, jissottometti li l-Kummissarju m'eżerċitax b'mod korrett id-diskrezzjoni tiegħu. Jgħid li mid-deċiżjoni tiegħu jidher li ma fehemx l-argumenti tiegħu, u għal liema dokument kienet qegħda tagħmel riferiment l-appellata, u jikkontendi li jekk tassew fehem l-argument tiegħu, il-Kummissarju ma seta' qatt jasal għall-imsemmija deċiżjoni. Filwaqt li jirrileva li l-Kap. 496 jitkellem dwar dokumenti eżistenti, u dan ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-para. (b) tas-subartikolu 6(1), li jikkontempla li d-dokument mitlub għandu jkun

wieħed li jeżisti, u li qiegħed fil-pussess tal-awtorità. Hawnhekk ukoll in sostenn tal-argument tiegħu, huwa jiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-istess liġi li jagħtu t-tifsira ta' 'dokument'. Il-Ministeru appellant jerġa' jaċċenna fuq l-argument prinċipali tiegħu li dak rikjest minnu ma kienx dokument li kien diġà fil-pussess tiegħu, u t-tħejjija tal-informazzjoni mitluba kienet tikkostitwixxi informazzjoni ġdida, li t-tħejjija tagħha kienet tirrkjedi riżorsi kbar, sabiex b'hekk setgħet tiġi nvokata l-eżenzjoni li jipprovdi għaliha l-para. 10(f) tal-Kap. 496. Jgħid li dan il-punt kien ġie trattat f'każ ieħor mit-Tribunal tal-Informazzjoni fl-Ingilterra, u fl-istess waqt jagħmel riferiment għall-Gazzetta tal-Gvern nru. 584 tal-31 ta' Mejju, 2012 fejn kien hemm indikat l-ammont li seta' jintefaq minnu sabiex jimplimenta rikjesta taħt il-liġi, u dan jgħid għaliex it-taxxi tal-poplu kellhom jintefqu b'mod raġonevoli u għaqli.

10. L-appellata fit-tweġiba tagħha tibda billi tirrileva li fir-rikors tal-appell ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identità tal-appellata. Fit-tieni lok tirrileva li l-Kummissarju, li kien jagħmel parti mill-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jidhirx fl-okkju tar-rikors tal-appell. Fit-tielet lok tgħid li hija kienet qegħda ssostni li l-appell odjern għandu jiġi mwarrab għaliex jidher ċar li kien hemm tentattiv sabiex jiġi preġudikat l-operat ġurnalistiku tal-appellata u tan-*newsroom* li hija tagħmel parti minnha. Tikkontendi li l-appell ikompli bit-tattiċi wżati kontra l-appellata fi stadju iktar bikri tal-proċeduri, fejn hija kienet qegħda inutilment u intortament tiġi soġġetta għal pressjonijiet finanzjarji. Għalhekk mid-daqqa t'għajn, kien jidher li dan l-appell bħal dawk ta' qablu kien wieħed ta' SLAPP għal dawk ir-raġunijiet l-oħra li kienu ser jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Dwar l-ewwel żewġ aggravji, hija tissottometti li huwa ċar li l-Ministeru appellant mhuwiex kuntent bil-fatt li

saħansitra żewġ entitajiet li skont il-liġi għandhom is-setgħa li jirrevedu l-aġir ta' entitajiet pubbliċi dwar kif jiddisponu minn flejjes pubbliċi, kkonstataw li huwa kien naqas mill-obbligu tiegħu li jżomm ruħu *accountable* lill-pubbliku. Tgħid li huwa tassew tal-mistħija li min jissupplixxi l-fondi li tiddisponi minnhom entità pubblika, jiġifieri ċ-ċittadini, qegħdin jiġu mċaħħda mill-informazzjoni relattiva. Tissottometti li din il-Qorti ċertament taf li kull entità li ppreżentat każ quddiem it-Tribunal kienet tilfitu, iżda jidher li l-imsemmija entitajiet qegħdin jaħdmu flimkien sabiex l-obbligu ta' *'accountablility'* jitwarrab. Tgħid li bla dubju din il-Qorti taf ukoll li l-appellata m'għandhiex ir-riżorsi finanzjarji u amministrattivi li l-istess entitajiet għandhom, iżda hija kienet qegħda tagħmel minn kollox sabiex twieġeb għall-bosta appelli li kienu qegħdin jiġu ntavolati fil-konfront tagħha, fejn ħafna mir-risposti kienu komuni, u għalhekk tiskuża ruħha jekk xi sottomissjonijiet kienu ripetuti. Għal dak li huwa l-mertu ta<u>l-ewwel żewġ aggravji</u>, tissottometti li d-deċiżjoni appellata hija motivata sew u anki spjegata, u għalhekk hija m'għandha xejn x'iżżid. Dwar <u>it-tielet aggravju</u>, tissottometti li hawnhekk il-Ministeru appellant qiegħed biss iressaq aggravju li diġà tressaq quddiem it-Tribunal, mingħajr xi argument ġdid jew raġunijiet impellenti li juru għaliex it-Tribunal ma kellux jiskarta l-istess aggravju. Tissottometti li fil-fatt dan l-aggravju jittratta l-aġir tal-Kummissarju u mhux ir-raġunijiet li wasslu lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi l-appell tiegħu. Tgħid li ma tistax tifhem kif il-Ministeru appellant qiegħed jippretendi li dan huwa tassew aggravju, u tikkontendi li fejn l-każ jinstab saħansitra fit-tielet stadju tiegħu, l-imsemmi appellant kellu juri li l-aggravju propost huwa mistħoqq fuq livell ogħla minn appell 'normali'. Tirrileva li hawnhekk l-appellant m'huwa qed iġib l-ebda argument ġdid. Għalhekk din il-Qorti ma kellhiex tiddistruba jew tissindika l-

apprezzament tal-provi relattivi, inkluż il-valutazzjoni u l-piż mogħti lill-istess, iżda wkoll l-applikazzjoni ta' liġi kif magħmula mit-Tribunal. Il-fatt li l-Ministeru appellant qiegħed jittanta jbiddel id-deċiżjoni li ngħatat kontrih proprju f'dawn il-proċeduri ta' appell, tgħid li juri kemm bl-ebda mod dan ma jrid jottempora ruħu mal-obbligu ta' kull entità pubblika li tagħti rendikont tal-infiq ta' fondi pubbliċi. L-appellata ssostni li l-informazzjoni mitluba kienet u għadha materja ta' interess pubbliku li tinforma d-dibattitu politiku fil-pajjiż. Għalhekk l-appell odjern huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, iktar u iktar meħud in konsiderazzjoni l-jedd fundamentali tagħha kif sanċit bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li tirċievi u tagħti informazzjoni. L-appellata tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha b'riferiment għal xi żviluppi riċenti fir-rigward ta' żewġ entitajiet oħra, li tgħid li huma *'...kemm xejn ironiċi...",* u tispjega kif waqt il-proċeduri ta' appell quddiem it-Tribunal, l-Aġenzija Identity Malta kienet għaddiet l-informazzjoni mitluba mingħandha mill-appellata, u l-Environment and Resources Authority kienet saħansitra fl-aħħar mill-aħħar irtirat l-appell tagħha.

11. Il-Qorti tgħid li jonqos issa li jiġi nvestigat dak li qal it-Tribunal, li osserva s-segwenti fir-rigward tal-Kap. 496: (a) il-Ministeru appellant huwa awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496, u kif sewwa rrileva l-Kummissarju fil-para. 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, dan jitħallas minn fondi pubbliċi, u għalhekk tirriżulta l-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus u għaliex; (b) it-tifsira li tingħata mill-artikolu 2 tal-Kap. 496 tal-kelma '*document',* hija waħda wiesgħa filwaqt li l-verżjoni bil-Malti tagħmilha ċara li l-kelma tfisser '*...kull oġġett...".* Esprima l-fehma li għalhekk l-Kap. 496 ma japplikax biss fil-konfront ta' dokument uffiċjali, jiġifieri dak li l-Ministeru

appellant kien qed jgħidlu '*recorded*', iżda wkoll għal kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika marbut ma' pagamenti li saru lil individwu/kumpannija/kumpanniji indikati. B'hekk tajjeb ikkonkluda li ma kienx jirriżulta li d-dokumenti huma ta' natura privileġġjati.

12. It-Tribunal, għaldak li jirrigwarda l-argument tal-Ministeru appellant li l-eżerċizzju kien jirrikjedi ħafna ħin u riżorsi, ġustament stqarr li dan ma kienx jaħti għalih hu. B'riferiment għad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Informazzjoni tal-Ingilterra ċitata mill-imsemmi Ministeru appellant, it-Tribunal sab li d-deċiżjoni favur ir-rifjut kienet imsejsa fuq l-ispejjeż involuti, iżda mhux għaliex l-informazzjoni ma kinitx miġbura fid-*database.* Hawnhekk huwa għamel riferiment għall-A.L. 158 tal-2010, li jipprovdi li l-awtorità pubblika tista' titlob dritt sabiex tiġbor l-informazzjoni mitluba, liema dritt ma kellux jeċċedi €40, iżda għaraf tajjeb li l-Ministeru appellant dan ma kienx għamlu.

13. It-Tribunal ikkunsidra mbagħad argument ieħor li kien qed jagħmel quddiemu l-Ministeru appellant, dak li t-talba tal-appellata kienet għal *'new information',* u mhux informazzjoni li huwa kellu diġà, iżda wkoll li l-imsemmija talba kienet tirrigwarda *'access to information rather than access to the documents containing the information'.* Stqarr li huwa ma kien jaqbel xejn ma' dan kollu għaliex it-talba saret mhux biss fir-rigward tal-Ministeru, iżda wkoll fil-konfront tad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħtu. Qal ukoll l-informazzjoni mitluba kienet diġà fil-pussess tagħhom, u saħansitra kellu tkun fil-pussess tagħhom skont il-liġi tal-awditjar, iżda ma kienux ħasbu sabiex jorganizzawha, u b'hekk ma setgħetx tissejjaħ informazzjoni ġdida.

14. Imbagħad għadda sabiex ikkunsidra li l-ewwel aggravju tal-Ministeru appellant, li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma kinitx motivata. Għaraf li tali deċiżjoni kienet imsejsa fuq il-motivazzjoni li tinstab fil-paragrafi 7 sa 10 tagħha. It-Tribunal għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Tomlin Company Limited *vs.* Jon David Limited**[1], u kompla billi tenna għal darb'oħra li l-Kummissarju kien sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq dak li ntqal minnu fil-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tiegħu fil-parti ntestata *'Legal analysis and Decision'.* Qal li wieħed seta' jaqbel jew ukoll ma jaqbilx mad-deċiżjoni, iżda dan ma kienx ifisser li tali deċiżjoni ma kinitx motivata, għaliex għall-kuntrarju, din kienet msejsa fuq l-osservazzjonijiet fil-paragrafi msemmija. Il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa mit-Tribunal, u għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jisħaq fuqu l-appellant, tikkunsidra li l-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tiegħu, u dan flimkien maż-żewġ paragrafi li jsegwuhom, fejn issib li hija tassew f'lokha r-referenza għall-para. (b) tas-subartikolu 12(1) tal-Kap. 496, huma xhieda tal-fatt li din hija tassew suffiċjentement motivata. Tirrileva li l-ewwel paragrafu wara dak enumerat 10, joffri fis-suċint motivazzjoni suffiċjenti u ċara għad-deċiżjoni tal-Kummissarju. Tikkunsidra li fiż-żewġ paragrafi preċedenti, il-Kummissarju osserva li l-Ministeru appellant min-naħa waħda kien irrifjuta li jgħaddi l-informazzjoni mitluba abbażi ta' dak li jiddisponi għalih il-para. (g) tal-artikolu 14 tal-Kap. 496, iżda mbagħad l-istess Ministeru appellant kien offra *'sample documentation'* fejn huwa kkonferma li kellu kopji tad-dokumenti relatati mar-rikjesta. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ osservazzjonijiet magħmulin mill-Kummissarju, ftit kien hemm bżonn li jingħad, għajr li fil-fatt il-Ministeru appellant kellu f'idu dokumentazzjoni li kienet tissodisfa r-rikjesta tal-appellata.

[1] 20.10.03.

Għaldaqstant hawnhekk il-Qorti m'għandha xejn iktar x'iżżid ma' dak li qal it-Tribunal, u ssib l-ewwel aggravju tal-Ministeru appellant mhuwiex ġustifikat.

15. Imbagħad it-Tribunal għadda sabiex ittratta t-tieni aggravju tal-Ministeru appellant, fejn dan tal-aħħar kien qed jikkontendi li l-Kummissarju ordna li kellhom jiġu prodotti dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-appellata. Ikkunsidra t-talba li għamlet l-appellata, u l-ordni tal-Kummissarju sabiex jiġu ppreżentati *"... copies of payments made to Mediatoday Co Ltd, Mr Saviour Balzan and Business 2 Business Ltd ...".* It-Tribunal għaraf li skont il-Qrati tagħna tirriżulta deċiżjoni *extra petita* jew *ultra petita* meta għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur tiġi sostitwita oħra li ma tkunx ġiet proposta, jew meta d-deċiżjoni tmur 'l hemm mid-domanda jew mill-azzjoni avvanzata, u dan filwaqt li għamel riferiment għal sentenza mogħtija mill-Imħallef Sir Anthony J. Mamo fil-Qorti tal-Appell[2] fl-ismijiet **Professur Joseph Galea vs Dr. Antonio Bonnici**. Irrileva li skont it-talba tal-appellata lill-Kummissarju, kien ċar li meta saret ir-rikjesta tagħha għal-lista tal-kuntratti, eċċ, hija għamlet ċar ukoll li kienet qegħda tagħmel riferiment għal dawk il-kuntratti "*entered into between the Ministry etc.",* u għalhekk it-talba ma kinitx tirrigwarda l-Ministeru biss, sabiex b'hekk huwa kien marbut li jitlob lid-dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu għall-informazzjoni rikjesta. Irrileva wkoll li skont in-nota ġuramentata ppreżentata minn Roderick Livori għan-nom tal-Ministeru appellant, l-informazzjoni mitluba kienet ser twassal għall-użu ta' riżorsi essenzjali, iżda fil-fehma tiegħu l-Ministeru appellant ma kienx issostanzja din is-sottomissjoni tiegħu, u t-Tribunal esprima wkoll il-fehma li fiż-żminijiet tallum

[2] 06.11.61.

permezz tar-riċerka bl-użu tal-*computer,* ma jistax ma jinstabux il-fatturi u l-irċevuti in kwistjoni. B'hekk ċaħad it-tieni aggravju tal-Ministeru appellant. Ċertament il-Qorti, bħat-Tribunal, ma ssibx li r-raġuni li qiegħed jagħti hawnhekk il-Ministeru appellant tista' tiġi aċċettata bħala waħda li tiġġustifika l-fatt li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jgħaddi l-informazzjoni mitluba minnu *ai termini* tas-subinċiż (iii) tal-para. (f) tal-artikolu 14 tal-Kap 496. Dan għaliex huwa bl-ebda mod ma wera li sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-appellanta, ser jiġu kompromessi r-riżorsi tiegħu b'mod sostanzjali, jew li r-riċerka kienet ser tkun waħda inutli. B'hekk it-Tribunal ġustament ċaħad l-aggravju tal-Ministeru appellant. Il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll hija ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni appellata, u għalhekk it-tieni aggravju tal-Ministeru appellant ma jirriżultax ġustifikat, u tiċħdu.

16. Għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju quddiem it-Tribunal, li qiegħed jerġa' jitressaq quddiem din il-Qorti, u fejn il-Ministeru appellant kien qed jikkontendi li d-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma kinitx ġiet eżerċitata korrettement meta interpreta t-talba tal-appellata b'mod li kienet tħaddan ukoll il-kuntratti nnifishom u mhux il-lista tagħhom, it-Tribunal stqarr li ma kienx jirriżulta li l-Ministeru appellant kien qed jiġi ordnat jippreżenta xi dokument jew dokumenti li ma jeżistux. Filwaqt li qal li huwa ma kellu xejn x'iżid ma' dak li huwa kien fisser meta ttratta t-tieni aggravju tal-Ministeru appellat, it-Tribunal ċaħad dan l-aggravju wkoll. Il-Qorti wkoll tgħid li dak li ġie kkunsidrat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, japplika fir-rigward ta' dan l-aħħar aggravju tal-Ministeru appellant, fejn essenzjalment l-istess argumenti huma ppreżentati mill-ġdid, u għalhekk tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-Ministeru appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu mill-Ministeru appellant ukoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**